Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

GUIDO DE MARCO
President

22 ta' Ġunju, 2001

ATT Nru. XV ta' l-2001

ATT biex jipprovdi għat-twaqqif tal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali u għall-affarijiet oħra li għandhom x'jaqsmu miegħu.

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att ta' l-2001 dwar il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali.

(2) Dan l-Att għandu jibda' jseħħ f'dik id-data li l-Prim Ministru jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal disposizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Tifsir.

2. F'dan l-Att, sakemm ir-rabta tal-kliem ma' teħtiegx xort'oħra -

"imsieħba soċjali" tfisser r-rappreżentanti tal-Gvern, ir-rappreżentanti tal-ħaddiema u r-rappreżentanti ta' min iħaddem;

"Kumitat" tfisser il-Kumitat tas-Soċjetà Ċivili stabbilit skond l-artikolu 6;

"Kunsill" tfisser il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali stabbilit skond l-artikolu 3;

"Malta" għandha l-istess tifsira kif mogħtija lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

"soċjetà ċivili" tinkludi dawk l-organizzazzjonijiet ta' persuni, li huma mwaqqfa bil-għan li jfittxu l-ġid komuni u li l-iskop ewlieni tagħhom ma jkunx il-qliegħ jew il-poter eżekuttiv.

Twaqqif tal-Kunsill.

3. Qiegħed hawnhekk jitwaqqaf il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali bħala korp konsultattiv biex iservi ta' forum għall-konsultazzjoni u djalogu soċjali bejn l-imsieħba soċjali u, fejn meħtieġ, ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u huwa mqabbad sabiex jagħti pariri lill-Gvern fuq ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' l-iżvilupp ekonomiku u soċjali, b'mod sostenibbli, f'Malta.

Kompożizzjoni tal-Kunsill.

4. (1) Il-Kunsill ikollu personalità ġuridika distinta, jiġi maħtur mill-Prim Ministru u jkun magħmul mill-membri li ġejjin:

(a) *Chairperson* li jiġi maħtur wara konsultazzjoni ma' l-organizzazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu (ċ);

(b) deputat *Chairperson* li jiġi maħtur mill-Prim Ministru minn membri tas-servizz pubbliku;

(ċ) disa' persuni nominati mill-korpi kostitwiti li jirrappreżentaw organizzazzjonijiet nazzjonali ta' min iħaddem u ta' ħaddiema, liema organizzazzjonijiet u korpi kostitwiti għandhom jiġu elenkati f'Avviż pubblikat fil-Gazzetta, u liema Avviż għandu wkoll jindika n-numru ta' membri li jirrappreżentaw kull organizzazzjoni u korp kostitwit;

(d) erba' rappreżentanti tal-Gvern, li jirrappreżentaw il-Ministeri responsabbli għall-Finanzi, s-Servizzi Ekonomiċi, il-Politika Soċjali u ta' l-Uffiċċju dwar ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' l-Unjoni Ewropea; u

(e) il-Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta, *ex officio*.

(2) (a) Għal kull wieħed mill-membri maħtura skond is-subartikolu (1)(ċ) u (e), għandu jkun hemm l-istess numru ta' membri sostituti li jirrappreżentaw l-istess setturi jew organizzazzjonijiet u li jkollhom id-dritt li jkunu preżenti għal laqgħat fl-assenza tal-membri maħtura.

(b) Għal kull wieħed mill-membri maħtura skond is-subartikolu (1)(d), għandu jkun hemm l-istess numru ta' membri sostituti, b'dan illi l-istess membri sostituti jistgħu jkunu jirrappreżentaw Ministeri oħra.

(3) Il-membri jibqgħu fil-kariga għal perjodu ta' sena.

(4) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' xi regolamenti magħmulin taħtu, il-Kunsill jista' jaħtar sottokumitati u, b'mod ġenerali, għandu jirregola l-proċedura tiegħu stess.

(5) Il-Kunsill jista' jaġixxi minkejja kull vakanza fih sakemm ikun hemm *quorum* preżenti fil-laqgħa.

(6) Il-Prim Ministru jista', wara konsultazzjoni mal-Kunsill, jagħmel regolamenti dwar proċeduri li għandhom jiġu addottati mill-Kunsill, inkluż il-*quorum* għall-laqgħat, kif jimtlew vakanzi każwali, telf tal-mandat u sostituzzjoni tal-membri.

Funzjonijiet tal-Kunsill.

5. (1) Il-Kunsill għandu jkun korp konsultattiv u biex jagħti pariri bil-funzjoni li jagħti parir lill-Gvern, permezz tal-Prim Ministru, fuq ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' l-iżvilupp ekonomiku nazzjonali soċjali u sostenibbli u jkun kompetenti biex -

(a) jippromwovi djalogu soċjali u konsensus bejn l-imsieħba soċjali kollha fuq ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' l-iżvilupp ekonomiku soċjali u sostenibbli;

(b) jipproponi għanijiet u riżultati mixtieqa u li jistgħu jitwettqu biex iġib fis-seħħ l-għanijiet tal-Gvern għall-iżvilupp strateġiku ekonomiku, finanzjarju u soċjali u biex jirrakkomanda miżuri li bihom dan jiġi miksub;

(ċ) jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Gvern rigward il-bidliet fid-direzzjoni jew fit-termini tal-politika ekonomika u soċjali li jista' jidħirlu xierqa;

(d) jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Gvern rigward t-tfassil ta' pjani nazzjonali għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali u l-implimentazzjoni tagħhom;

(e) jissottometti opinjonijiet u rakkomandazzjonijiet dwar ħwejjeġ li jiġu riferiti lilu mill-Gvern jew dwar ħwejjeġ li l-Kunsill jidħirlu li jkollhom rilevanza ekonomika u, jew, soċjali nazzjonali; u

(f) fuq talba tal-Gvern, jeżamina, jagħmel stima u jagħti r-rakkomandazzjonijiet dwar abbozzi ta' liġi li għandhom x'jaqsmu ma' l-għanijiet tal-Kunsill.

(2) Fl-eseku zzjoni tal-funzjonijiet tiegħu, il-Kunsill għandu jirrikonċilja l-interessi individwali tas-setturi biex jikseb l-interess nazzjonali fuq kollox, u għandu, *inter alia*, jqis -

(a) li jinkisbu l-oġħla livelli possibbli ta' impieg

sostenibbli għal kulħadd b'kumpens adegwat, billi jittieħdu konsiderazzjoni xierqa tal-livelli ta' produttività;

(b) it-tneħħija ta' xkiel strutturali li jimpedixxu l-kisba ta' l-għanijiet nazzjonali ekonomiċi u soċjali fuq kollox;

(ċ) li tinkiseb l-oġħla rata sostenibbli ta' tkattir ekonomiku;

(d) id-distribuzzjoni ġusta u ekwa tal-qligħ u tal-ġid tan-nazzjon;

(e) stabbilità raġonevoli fil-prezzijiet u ekwilibriju fit-tul tal-bilanċ tal-pagamenti; u

(f) l-implikazzjonijiet soċjali tat-tkattir ekonomiku, inkluża l-ħtieġa li tinkiseb l-inklużjoni soċjali fil-perspettiva shiħa tagħha b'mod partikolari l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-kurrenti ewlenin ta' l-iżvilupp, u l-protezzjoni ta' l-ambjent.

(3) Il-Kunsill għandu jaġixxi wara talbiet speċifiċi sottomessi lilu mill-Gvern jew fuq l-inizjattiva tiegħu stess.

Kumitat tas-Soċjetà Ċivili.

6. (1) Il-Kunsill għandu, fl-ewwel laqgħa tiegħu, jaħtar Kumitat tas-Soċjetà Ċivili li għandu jiġi konsultat mill-Kunsill dwar dawk il-ħwejjeġ li l-Kunsill jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jirreferi lilu.

(2) Il-Kumitat għandu, safejn dan ikun possibbli, jirrappreżenta s-soċjetà ċivili Maltija u għal dan il-għan il-Kunsill jista' jistieden kull organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili biex tipparteċipa fil-Kumitat u jista' jvarja l-kompożizzjoni ta' l-istess Kumitat kif ikun jidhirlu minn żmien għal żmien, b'dan illi l-istess Kumitat għandu jinkludi, *ex officio* bħala membri permanenti tiegħu ċ-*chairpersons* ta' l-organizzazzjonijiet li ġejjin:

(a) l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali;

(b) il-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ;

(ċ) il-Kunsilli Nazzjonali ta' l-Anzjani;

(d) l-Għaqda tal-Konsumaturi;

(e) il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità; u

(f) il-Kummissjoni għall-Avvanz tal-Mara.

(3) Iċ-*Chairperson* jew, fl-assenza tiegħu, d-deputat *Chairperson*, għandu jippresjedi fil-laqgħat tal-Kumitat.

(4) Il-Kumita jista' jaġixxi minkejja kull vakanza fih sakemm ikun hemm *quorum* preżenti fil-laqgħa.

(5) Il-Kunsill għandu jaddotta regoli ta' proċedura li għandhom jirregolaw il-proċedura tal-Kumitat u jistabilixxi l-*quorum* għal-laqgħat tal-Kumitat.

Segretarjat tal-Kunsill.

7. (1) Ix-xogħol amministrattiv tal-Kunsill għandu jsir minn Segretarju Eżekuttiv *full-time* li għandu jżomm dik il-kariga skond dawk it-termini u kondizzjonijiet li l-Kunsill jista', bil-kunsens tal-Prim Ministru, jistabbilixxi. Meta s-Segretarju Eżekuttiv ikun uffiċjal pubbliku sekondat mill-Gvern, ikollu d-dritt, meta jintemm s-sekondar, jerġa' lura għall-kariga ta' qabel mingħajr ebda telf ta' *rank* jew anzjanità.

(2) Is-Segretarju Eżekuttiv ikun responsabbli għas-servizzi tekniċi u ta' segretarjat tal-Kunsill u, *inter alia*, jkun responsabbli biex -

(a) jipprovdi s-servizzi amministrattivi u ta' segretarjat meħtieġa mill-Kunsill, mill-Kumitat jew minn xi sottokumitati li l-Kunsill jista' jiddeċiedi li jaħtar minn żmien għal żmien;

(b) jiżgura li l-informazzjoni kollha li tista' tkun meħtieġa minnhom biex jaqdu b'mod effettiv il-funzjonijiet tagħhom tingħata lill-Kunsill u lill-Kumitat u jiżgura li kull azzjoni li hemm bżonn li ssir tittieħed sabiex jiġu implimentati d-deċiżjonijiet jew l-ordnijiet meħudin mill-Kunsill u, jew mill-Kumitat;

(ċ) jipprovdi l-informazzjoni u jagħmel ix-xogħol preparatorju għall-proposti dwar il-*budget*, il-kontijiet u r-rapport ta' attivitajiet tal-Kunsill, u sabiex jissorvelja u jagħmel stimi dwar l-esekuzzjoni ta' dan ix-xogħol;

(d) jiżgura li s-servizzi ta' uffiċċju jiġu provduti biex il-Kunsill u kull wieħed mill-kumitati tiegħu jkun jista' jopera;

(e) jassumi kull responsabbiltà oħra li tista' tiġi delegata miċ-*Chairperson* f'isem il-Kunsill; u

(f) jiżgura li l-Kunsill u l-Kumitat joperaw fedelment skond ir-regolamenti finanzjarji tal-Gvern li japplikaw għall-Kunsill u għall-Kumitat.

Informazzjoni għandha tkun disponibbli.

8. Il-Gvern għandu jiżgura li l-Kunsill ikollu aċċess raġonevoli għal statistika ekonomika jew soċjali li tkun disponibbli, li tista' tkun meħtieġa mill-Kunsill u, jew mill-Kumitat biex dawn ikunu jistgħu jaqdu l-funzjonijiet tagħhom kif speċifikat f'dan l-Att.

Finanzjament tal-Kunsill.

9. (1) Il-Kunsill għandu jara li f'kull sena finanzjarja jitlestew, u mhux aktar tard minn sitt ġimgħat wara l-egħluq ta' dik is-sena jaddotta, estimi tad-dħul u ħruġ tal-Kunsill għas-sena finanzjarja ta' wara li jkopru l-attivitajiet maħsuba tal-Kunsill għas-sena finanzjarja ta' wara:

Iżda dwar l-ewwel sena finanzjarja, il-Kunsill għandu jlesti u jaddotta estimi f'dak iż-żmien li l-Prim Ministru jista', permezz ta' avviż bil-miktub lill-Kunsill, jispeċifika.

(2) Fit-tħejjija ta' dawk l-estimi, il-Kunsill għandu jqis xi fondi jew flejjes oħra li jistgħu jkunu dovuti lilu mill-Fond Konsolidat matul is-sena finanzjarja relevanti kemm bis-saħħa ta' dan l-Att jew bis-saħħa ta' Att ta' approprjazzjoni jew xi liġi oħra.

(3) L-estimi għandhom isiru f'dik il-forma u għandu jkollhom dik l-informazzjoni u dawk il-paraguni ma' estimi ta' qabel kif il-Ministru tal-Finanzi jista' jordna.

(4) Kopja ta' l-estimi għandha, malli jiġu adottati mill-Kunsill, tintbagħat minnufih mill-Kunsill lill-Prim Ministru u lill-Ministru tal-Finanzi.

(5) Il-Prim Ministru għandu, ma' l-ewwel opportunità, u mhux aktar tard minn sitt ġimgħat minn mindu jirċievi kopja ta' l-estimi mill-Kunsill, u wara konsultazzjoni mal-Ministru tal-Finanzi, japprova dawk l-estimi sew b'emendi kif ukoll mingħajrhom.

(6) Il-Prim Ministru għandu, ma' l-ewwel opportunità u mhux aktar tard minn tmien ġimgħat wara li jkun approva l-estimi kif imsemmi fis-subartikolu (5) jew, jekk f'dak iż-żmien il-Kamra tad-Deputati ma tkunx qed tiltaqa', fi żmien tmien ġimgħat mill-bidu ta' l-ewwel sessjoni ta' wara, jara li dawk l-estimi jitqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati.

L-infiq għandu jkun skond l-estimi approvati.

10. (1) Il-Kunsill ma għandu jagħmel u ma għandu jidħol għall-ebda infiq sakemm ma jkunx hemm provdut għalih fl-estimi approvati skond l-artikolu 9.

(2) Mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) -

(a) sakemm jghaddu sitt xhur mill-bidu ta' sena finanzjarja jew sa l-approvazzjoni ta' l-estimi ghal dik is-sena, tkun liema tkun l-ewwel data, il-Kunsill jista' jonfoq jew jidhol ghal nefqa biex jaqdi l-funzjonijiet tieghu skond dan l-Att li b'kollox ma tkunx aktar minn nofs l-ammont approvat ghas-sena finanzjarja ta' qabel;

(b) nefqa approvata dwar kap jew sotto-kap ta' l-estimi tista', bl-approvazzjoni tal-Prim Ministru, moghtija wara konsultazzjoni mal-Ministru tal-Finanzi, issir dwar kap jew sotto-kap iehor ta' l-estimi;

(ċ) dwar l-ewwel sena finanzjarja, il-Kunsill jista' jaghmel jew jidhol ghal dik in-nefqa li fit-total ma tkunx aktar minn dak l-ammont li l-Ministru tal-Finanzi, wara konsultazzjoni mal-Prim Ministru, jippermetti;

(d) jekk f'xi sena finanzjarja jinstab li l-ammont approvat fl-estimi mhux biżżejjed, jew jekk tinqala' l-htieġa ta' nefqa ghal ghan mhux provdut fl-estimi, il-Kunsill jista' jaddotta estimi supplimentari ghall-approvazzjoni tal-Prim Ministru u f'kull każ bhal dan id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att applikabbli ghall-estimi ghandhom, sa fejn hu prattikabbli, japplikaw ghall-estimi supplimentari.

(3) Ċekkijiet li jinhargu fuq, u żbanki li jsiru minn, xi kont tal-bank tal-Kunsill ghandhom ikunu ffirmati minn dak l-uffiċjal tal-Kunsill hekk kif jista' jiġi mahtur jew nominat mill-Kunsill ghal dak il-ghan u ghandhom ikunu kontrosenjati miċ-*Chairperson*, jew minn dak il-membru jew uffiċjal iehor tal-Kunsill li jista' jiġi awtorizzat mill-Kunsill ghal dak il-ghan.

(4) Il-Kunsill ghandu jipprovdi ghar-rigward ta' kull haġa li tkun rilevanti ghaż-żamma tajba u kontroll tal-kontijiet u tal-kotba, u tal-kontroll fuq il-finanzi tal-Kunsill u ghandu jipprovdi wkoll ghal -

(a) il-mod kif il-hlasijiet ghandhom jiġu awtorizzati jew approvati u l-uffiċjal jew l-uffiċjali li ghandhom jawtorizzawhom jew japprovawhom;

(b) it-titolu ta' kull kont miżmum f'bank jew banek fejn jiġu depożitati l-flus tal-Kunsill, u t-trasferiment ta' fondi minn kont ghal iehor; u

(ċ) il-metodu li ghandu jiġi adottat meta jkunu qed jithallsu flus mill-fondi tal-Kunsill.

Kuntratti ta' provvista ta' xogħlijiet u servizzi.

11. Il-Kunsill m'għandux jidħol f'kuntratt għal provvista ta' oġġetti jew materjal jew għall-eseċuzzjoni ta' xogħlijiet jew għall-għoti ta' servizzi, lil jew favur il-Kunsill, li huwa stmat mill-Kunsill li jkun jinvolvi nefqa ta' aktar minn tlett elef lira, ħlief wara li jiġi ppubblikat avviż ta' intenzjoni tal-Kunsill li jidħol f'kuntratt bħal dak u wara li jkunu ħarġu offerti kompetittivi.

Ħatra ta' persunal.

12. (1) Il-Kunsill jista', bl-approvazzjoni tal-Prim Ministru, jaħtar dawk l-uffiċjali li jistgħu, minn żmien għal żmien, ikunu meħtieġa għat-twettiq xieraq u effiċjenti tal-funzjonijiet tal-Kunsill. It-termini u l-kondizzjonijiet ta' l-impieg għandhom jiġu stabbiliti mill-Kunsill bl-approvazzjoni tal-Prim Ministru.

(2) Il-Prim Ministru jista', fuq talba tal-Kunsill, minn żmien għal żmien, jordna li xi uffiċjal pubbliku jiġi assenjat biex jaqdi dmirijietu mal-Kunsill f'dik il-kariga u b'seħħ minn dik id-data li jiġu speċifikati fl-ordni tal-Prim Ministru:

Iżda il-perjodu li għalih ordni bħal dik hawn aktar qabel imsemmija għandha tapplika għal xi uffiċjal li jkun speċifikat fiha għandu, kemm-il darba l-uffiċjal ma jkunx irtira mis-servizz pubbliku, jew xort'oħra temm milli jibqa' fil-kariga f'data li tiġi qabel, jew kemm-il darba ma tiġix speċifikata data differenti f'dik l-ordni, jtemm milli jibqa' jseħħ wara sena mid-data effettiva ta' dik l-ordni, kemm-il darba l-ordni ma tiġix aktar kmieni revokata mill-Prim Ministru.

(3) Meta uffiċjal jiġi assenjat għal dmirijiet mal-Kunsill, dak l-uffiċjal għandu, matul iż-żmien li fih dik l-ordni jkollha effett, jkun taħt l-awtorità u l-kontroll amministrattiv tal-Kunsill, iżda huwa għandu għal kull għan u raġuni oħra jibqa' u jitqies u jiġi trattat bħala uffiċjal pubbliku.

(4) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, uffiċjal li jkun assenjat għal dmirijiet kif hawn aktar qabel imsemmi -

(a) ma għandux, waqt iż-żmien li matulu l-uffiċjal jkun hekk assenjat -

(i) ikun preklużż milli japplika għal trasferiment f'xi dipartiment tal-Gvern skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet tas-servizz konnessi mal-ħatra ta' l-uffiċjal mal-Gvern li jkollu fid-data meta l-uffiċjal jiġi hekk assenjat għal dmirijietu; jew

(ii) ikun hekk impjegat tant li r-rimunerazzjoni u l-kondizzjonijiet tas-servizz jkunu inqas favorevoli minn

dawk li jkunu konnessi mal-ħatra mal-Gvern li l-uffiċjal jkollu fid-data hawn aktar qabel imsemmija jew li kienu jkunu konnessi ma' dik il-ħatra, matul dak iż-żmien, li kieku dak l-uffiċjal ma jkunx ġie assenjat biex jaqdi dmirijietu mal-Kunsill; u

(b) ikollu jedd li s-servizz magħmul mal-Kunsill jiġi meqjus bħala servizz mal-Gvern għall-għanijiet ta' xi pensjoni, gratifikazzjoni jew benefiċċju skond l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, jew l-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa' Romol u Tfal Iltiema, u ta' kull dritt jew privileġġ ieħor li l-uffiċjal jkollu jedd għalih, u jkun responsabbli għal kull responsabbiltà li dwarha l-uffiċjal jkun responsabbli, ħlief għall-fatt li l-uffiċjal jkun ġie assenjat biex iwettaq dmiru mal-Kunsill. Kap. 93. Kap. 58.

(5) Meta ssir applikazzjoni kif stabbilit fis-subartikolu (4)(a)(i), għandha tingħatalha l-istess konsiderazzjoni daqslikieku l-applikant ma jkunx ġie assenjat għal servizz mal-Kunsill.

13. (1) Il-Kunsill għandu jara li jinżammu kontijiet xierqa u dokumentazzjoni oħra dwar il-ħidma tiegħu u għandu jara li jitlesta prospett ta' kontijiet dwar kull sena finanzjarja. Kontijiet u verifika.

(2) Il-kontijiet tal-Kunsill għandhom jiġu verifikati minn awditur jew awdituri nominati minnu u approvati mill-Prim Ministru:

Iżda l-Ministru tal-Finanzi jista', wara konsultazzjoni mal-Prim Ministru, jeħtieġ li l-kotba u dokumentazzjoni oħra tal-Kunsill jiġu verifikati jew eżaminati mill-Awditur Ġenerali li, għal dan il-għan, ikollu s-setgħa li jagħmel dik il-verifika fiżika u verifiki oħra, kif jidhirlu meħtieġa.

(3) Wara l-egħluq ta' kull sena finanzjarja u mhux aktar tard mid-data li fiha l-estimi tal-Kunsill jintbagħtu lill-Prim Ministru skond l-artikolu 9, il-Kunsill għandu jara li kopja tal-prospett ta' kontijiet verifikati kif jixraq jiġu mogħtija lill-Prim Ministru u lill-Ministru tal-Finanzi flimkien ma' kopja ta' kull rapport magħmul mill-awdituri dwar dak il-prospett jew dwar il-kontijiet tal-Kunsill.

(4) Il-Prim Ministru għandu, ma' l-ewwel opportunità, u mhux aktar tard minn tmien ġimgħat wara li jkun irċieva kopja ta' kull prospett u rapport jew, jekk f'dak iż-żmien il-Kamra tad-Deputati ma tkunx qed tiltaqa', fi żmien tmien ġimgħat mill-bidu ta' l-ewwel sessjoni ta' wara, jara li kopja ta' kull prospett u rapport bħal dawk jitqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati.

(5) Is-sena finanzjarja tal-Kunsill tkun ta' tnax-il xhar u tispiċċa fit-30 ta' Settembru, iżda l-ewwel sena finanzjarja tal-Kunsill

għandha tibda fid-data ta' meta dan l-Att jiġi fis-seħħ u għandha tispiċċa fit-30 jum ta' Settembru tas-sena ta' wara.

Rapport annwali.

14. (1) Il-Kunsill għandu, mhux aktar tard minn sitt ġimgħat wara t-tmiem ta' kull sena finanzjarja, jagħmel u jibgħat lill-Prim Ministru, lill-Ministru responsabbli mill-Finanzi, lill-Ministru għas-Servizzi Ekonomiċi u lill-Ministru għall-Politika Soċjali, rapport tal-ħidma tiegħu matul dik is-sena.

(2) Kull rapport annwali jkun fih rapport ġenerali ta' l-iżviluppi matul il-perjodu rilevanti rigward ħwejjeġ li jaqgħu fl-isfera tal-mandat tal-Kunsill.

(3) Il-Prim Ministru għandu, ma' l-ewwel opportunità, u mhux aktar tard minn tmien ġimgħat wara li jkun irċieva kopja ta' kull rapport bħal dan jew, jekk f'dak iż-żmien il-Kamra tad-Deputati ma tkunx qed tiltaqa', fi żmien tmien ġimgħat mill-bidu ta' l-ewwel sessjoni ta' wara, jara li kopja ta' kull rapport bħal dan jitqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati.

Setgħa li jsiru regolamenti.

15. Il-Prim Ministru jista' jagħmel regolamenti b'mod ġenerali biex jagħti effett lid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u għat-twettiq aħjar ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 546 ta' l-4 ta' Ġunju, 2001.

ANTON TABONE
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati